MALTA COMPETITION AND CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

Mizzi House National Road , Blata-l-Bajda, Hamrun HMR9010

Tel: +356 2395 2000 Fax: +356 21 242 406

**1 ta’ Novembru, 2016**

## AVVIŻ PUBBLIKU

## MAĦRUĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR)

## FI ĦDAN L-AWTORITÀ TA’ MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), qegħda toħroġ dan l-Avviż Pubbliku sabiex tiddentifika u tgħarraf lill-pubbliku li:

il-fuljett ta’ reklamar intitolat “WATERPROOFING SERVICES” fuq naħa waħda tiegħu u “LIQUID MAMBRANE” fuq in-naħa l-oħra tiegħu, mqassam lill-pubbliku, ma jipprovdix informazzjoni biżżejjed u ċara sabiex jiġi ddentifikat il-kummerċjant konċernat. L-identità u l-isem tal-kummerċjant huma nieqsa, u l-indirizz mhuwiex ċar. In-numri tat-telefon u tal-mobajl u l-indirizz tal-posta elettronika indikati fil-fuljett ma jinkludux l-identità u l-isem tal-kummerċjant. Din l-assenza ta’ tagħrif sħiħ u ċar dwar il-kummerċjant u dwar il-post tan-negozju tal-kummerċjant mhijiex skont il-liġi. Għalhekk il-konsumaturi huma mwissija sabiex ma jixtrux servizzi mingħand il-kummerċjant konċernat.

Josephine Borg

Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur)